**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 139/2023 RM**

**Charles Azzopardi**

**-Vs-**

**Christopher Gatt**

**Illum, 30 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Charles Azzopardi fir-Reġistru tal-Qorti fit-30 ta' Mejju 2023 fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut, Christopher Gatt, iħallsu dik is-somma li l-Qorti tiddetermina ai termini ta' l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579), bħala danni u riparazzjoni tal-mafalama li huwa sofra meta permezz ta' kitba "ppostjat" fuq Facebook fl-10 ta' Ġunju 2022 tajt malafama lill-attur b'allegazzjoni foloz u malafamanti fejn, fost oħrajn, allegajt li huwa jbiddel l-isem tal-intrapriżi tiegħu b'mod regolari u li jfotti lin-nies u li b'konsegwenza ta' hekk ħadd ma għadu jafdaħ, inti ghidt ukoll li huwa 'imbruljun, il-midjun u bummer'. Dan il-post sar bl-iskop li jtelef jew inaqqas ir-reputazzjoni, l-integrita' u l-unur personali u kif ukoll dik professjonali tal-istess attur (kopja ta' screenshot relattiv mehud fl-10 ta' Ġunju 2022 qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok A.)

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effetiv.

Rat ir-risposta ppreżentat mill-konvenut Christopher Gatt fis-7 ta' Lulju 2023 fejn eċċepixxa:-

*"1. Illi preliminarjament l-attur ghandu jindika preċiżament kif il-kummenti li jqis malafamanti fil-konfront tieghu saru bl-iskop li jtellef jew inaqas ir-reputazzjoni, l-integrita' u l-unur personali kif ukoll dak professjonali tieghu;*

*2. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, certament li l-pubblikazzjoni tikkostitwixxi fair comment, stante c-cirkustanzi, u ghalhekk, il-pubblikazzjoni de quo mhijiex malafamanti b'mod serju u pregudikanti kif trid il-ligi ai termini tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex tikostitwixxi espressjoni ragjonevoli bbazata fuq fatti sostanzjalment veri, kif sejjer jigi ampjament ippruvat fil-kors tal-kawza;*

*3. Illi inoltre t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv"*

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2023 għall-fini tal-artikolu 10 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fejn ordnat lill-partijiet jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni, liema proċess kellu jiġi konkluż fi żmien tliet xhur;

Rat id-digrieti mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2023, 4 ta' Diċembru 2023 u 22 ta' Jannar 2023 fejn estendiet it-terminu għall-konklużjoni tal-proċess ta' medjazzjoni;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2024 fejn irrevokat *contrario imperio* d-digriet tal-10 ta' Lulju 2023 u ordnat li l-kawża tissokta bis-smigħ tal-provi;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama. L-attur jikkontendi illi l-pubblikazzjoni li saret mill-konvenut permezz ta' *post* fuq Facebook fl-10 ta' Ġunju 2022 hija malafamanti fil-konfront tiegħu. F'dan il-*post* jingħad hekk:

"*Ħassarhom il-kummenti (CHARLES AZZOPARDI) IMBRULLJUN IL-MIDJUN u BUMMER. Mhux ta b'xejn tibdel l-isem tal-kumpanijja kull erba tijjiem, għax tant drawk tfotti n-nies li ħadd m'għadu jafdak. Kulhadd l-istess kelma "e dak? Anke lili gidimni. Laqwa li fuq Facebook qisna qaddisin u ħlief ritratti tal-madonna ta' pinu ma ntellawx umbagħad tahra x-xjaten. Fejn tarani ibqa dawwar wiccek bhal ma qiegħed tagħmel ghax nies bhalek narmijjom l-hemm jien.*"[1]

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi, jirriżulta li l-attur, Charles Azzopardi, imexxi żewġ kumpanniji, C. Azzopardi Construction Co. Limited li topera fil-qasam tal-kostruzzjoni, u Renovex Turnkey Limited li tagħmel xogħolijiet ta' *finishes* ukoll fil-qasam tal-iżvilupp u kostruzzjoni.

---

[1] Minn eżami tal-pubblikazzjoni impunjata, idher illi l-*post* tal-konvenut ġie pubblikat bħala kumment fuq il-paġna fuq Facebook ta' Renovex Turnkey Limited.

Il-kumpannija C. Azzopardi Construction Co. Ltd. ingħatat appalt ta' xogħolijiet ta' restawr f'binja tan-Nunzjatura Apostolika ġewwa tal-Virtu', ir-Rabat, filwaqt li min-naħa tagħha l-kumpannija tal-attur tat sub-appalt lill-konvenut, Christopher Gatt, biex iqiegħed madum fit-terrazzini f'żewġ livelli tal-binja. Hemm qbil li l-konvenut irċieva s-somma ta' €1,500 mingħand il-kuntrattur għax-xogħol li laħaq eżegwixxa, iżda nqala' diżwid bejn il-partijiet wara li kien tlesta t-tqegħid tal-madum fil-pjan terren. Jirriżulta illi l-klient kien iddeċida li jżid xi *culverts* fit-terrazzini fil-livell ta' fuq fejn kellu jkompli jsir ix-xogħol mill-kumpannija tal-attur - u in segwitu, mill-konvenut - bil-konsegwenza li l-konvenut ma setax jibqa' għaddej bit- tqegħid tal-madum fil-livell ta' fuq kif kien ġie orginarjament ippjanat. Jidher li f'dan l-istadju l-konvenut u l-ħaddiema tiegħu kienu marru jaħdmu fuq lant tax-xogħol ieħor iżda, meta wara ftit ġranet l-attur avviċinah biex ikompli x-xogħol ta' tqegħid ta' madum fil-livell ta' fuq fis-sit tar-Rabat, il-konvenut kien maqbud fuq il-lant l-ieħor u ma setax jaqdi lill-attur fil-pront.

Billi ma ntlaħaqx ftehim bejn il-partijiet fuq it-tkomplija tal-eżekuzzjoni tal-appalt fir-Rabat u fuq il-ħlas għat-tieni parti tas-sub-appalt, il-kumpannija C. Azzopardi Construction Co. Ltd ingaġġat lil terzi biex ikomplu x-xogħol ta' tqegħid tal-madum li kien oriġinarjament appaltat lill-konvenut, u l-attur għarraf lill-konvenut li l-appalt kien ġie tterminat: aħbar li ma niżlitx tajjeb mal-konvenut.

Fl-10 ta' Ġunju 2022, il-konvenut ippubblika l-kumment li qed jiġi impunjat f'din l-azzjoni mill-attur Charles Azzopardi bħala malafamanti.

**L-attur, Charles Azzopardi**, fix-xhieda tiegħu jikkontendi illi l-konvenut ippubblika l-*post* biex jirrikattah u jimmalafamah, u sostna li din il-pubblikazzjoni kkaġunalu ħsara għaliex dak iż-żmien kien fil-proċess biex "*jagħlaq biċċa xogħol oħra ma' terza persuna pero' għal xi raġuni din il-biċċa xogħol ma rnexxiliex nagħlaqha.*" Meta xehed in kontro-eżami l-attur ippreċiża li l-Kurja kienu kellmuh fuq appalt ieħor, konsistenti fil-bdil ta' xi saqaf, li kellu jingħata lill-kumpannija tiegħu C. Azzopardi Construction Co. Ltd., iżda wara li ġie pubblikat il-*post* malafamanti tal-konvenut, il-

Kurja ma għamlitx iktar kuntatt miegħu u ma kienx ingħata l-appalt. Xehed illi huwa konvint li tilef l-opportunita' ta' dak ix-xogħol minħabba l-pubblikazzjoni tal-*post* tal-konvenut għaliex teżisti ħafna kompetizzjoni fis-suq tal-kostruzzjoni u pubblikazzjonijiet bħal dawk fuq Facebook jagħmlu ħafna ħsara.

**Christopher Gatt, il-konvenut**, jikkontendi min-naħa tiegħu illi meta l-attur kien għarrfu biex ikompli bix-xogħolijiet wara li dawn kellhom jiefqu għal ftit jiem sakemm isiru xi xogħolijiet żejda li ġew ordnati mill-klient, huwa kien għamel ħiltu biex jipprova jaqdi lill-attur. Tant hu hekk, minkejja li fil-frattemp kien beda jaħdem fuq lant ta' xogħol ieħor, kien irranġa biex jerġa' jieħu l-għodda fuq il-lant tax-xogħol f'Tal-Virtu' iżda għal xejn, għaliex l-attur għarrfu li nqalgħet problema bil-krejn. Xehed illi meta pprotesta mal-attur għall-ħela tal-ħin u skariċċ, l-attur kien waqqfu milli jkompli bix-xogħol u ma kienx ħallsu għax-xogħol, għalkemm huwa kien ħallas lill-ħaddiema tiegħu bil-quddiem. Għalhekk, meta ra li l-kumpanija tal-attur Renovex Turnkey Limited, wara li kien għadda xi żmien, tellgħet *post* fuq Facebook biex tippromwovi n-negozju tagħha u pubblikat ritratt tax-xogħol li kien sar mill-konvenut u l-ħaddiema tiegħu fis-sit ta' Tal-Virtu', huwa dehrlu li kellu jipprotesta għall-flus li tilef u l-mod kif mexa miegħu l-attur; dan billi tella' l-*post* li qed jiġi impunjat f'din l-azzjoni[2].

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tgħid illi l-falzita' tad-dikjarazzjonijiet li jsiru fil-pubblikazzjoni impunjata, jew il-fatt li d-dikjarazzjonijiet ikunu umiljanti jew offensivi għall-persuna aggravata, m'humiex fatturi determinanti jew konklussivi għall-element diffamatorju. Filwaqt li, kif inhu risaput, teżisti presunzjoni tal-falzita' ta' stqarrijiet li jiġu impunjati bħala malafamanti, mhux kull stqarrija li hija falza hija wkoll neċessarjament diffamatorja għaliex l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-artikolu 3(4), jesiġi li biex stqarrija titqies bħala diffamatorja irid jiġi ppruvat mill-persuna aggravata illi din ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.

[2] Ara xhieda in kontro-eżami tal-konvenut, 5 ta' Mejju 2025.

Illi għalhekk, il-Qorti għandha tibda billi tistabbilixxi jekk l-attur issodisfax il-kriterju tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, liema kriterju huwa wieħed tassattiv għas-suċċess ta' kull azzjoni għal malafama għaliex, kif ingħad, jekk ma jintweriex illi l-pubblikazzjoni ikkawżat ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata, ma tistax titqies li hija libelluża taħt u għall-finijiet tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-prova tas-serjeta` tal-ħsara jew il-potenzjal ta' ħsara serja, hija meħtieġa *sine qua non* għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama. Fil-fatt, diversi drabi rriteniet illi l-istharriġ dwar l-element tal-ħsara serja jew telf finanzjarju serju għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att għandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att u dan mill-qorti *sua sponte* mingħajr il-ħtieġa li titressaq eċċezzjoni *ad hoc* fir-rigward, u dan ghaliex il-kriterju jinċidi fuq l-azzjonabbilita` tal-allegat malafama. Dan ifisser illi anke jekk jirriżulta li l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-kontestazzjoni kif prospettati mill-Att, ma jkunux fondati jew altrimenti ma jissodisfawx il-kriterji meħtieġa mil-liġi ghas-suċċess taghhom, l-azzjoni tista' xorta waħda tfalli t-test stabbilit mill-artikolu 3(4) tal-Att jekk jirriżulta illi l-pubblikazzjoni ma rrekatx u m'hijiex kapaċi li tirreka, ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li ressqet l-azzjoni.

Fi kliem Collins[3], din ir-regola: "*… operates solely as a threshold for preventing or stopping defamation actions where* ***the claimant cannot demonstrate that he or she has suffered or likely to suffer,*** *serious reputational harm or,* ***in the case of a body that trades for profit, serious financial loss****.*" [enfasi tal-Qorti]

Għall-prova tal-ħsara serja, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-konkorrenza ta' iktar minn fattur wieħed.

Fir-rigward ingħad hekk[4]:-

---

[3] Collins: On Defamation, 2014 Ed. Page 128 6.56
[4] Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), 2.4, pg. 39.

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as the nature and the inherent gravity of the allegation, whether the publication was oral or written, the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed and the transience of the publication.*"[5]

Għalkemm il-ligi ma teħtieġx prova ta' ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, dak li hu żgur hu illi bl-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi, fosthom ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, għall-azzjonabbilita` tal-allegat malafama, l-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248). Dan kollu sabiex jitkompla jissaħħaħ u jiġi mħares il-jedd tal-liberta' tal-espressjoni u sabiex jiġi riaffermat l-importanza suprema ta' dan il-jedd.

Skont kif ġie mfisser fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit fil-każ ċelebri **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et** (2017) EWCA Civ. 1334, bil-kriterji ġodda stabbiliti fl-artikolu 1 tad-Defamation Act (2013), li hu l-ekwivalenti tal-artikolu 3(4) tal-Att domestiku, għall-azzjonabbilita' tal-malafama, illum jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni:-

*"... section 1 necessarily means that a statement which would previously have been regarded as defamatory, because of its inherent tendency to cause some harm to reputation, is not to be so regarded unless it "has caused or is likely to cause" harm which is "serious". The reference to a situation where the statement "has caused"*

[5] Dwar ir-rekwiżit tal-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, il-Gatley jgħid hekk- "*Proof that serious harm to reputation has actually occurred will obviously suffice but the claimant need only prove that such harm was likely. The harm need not manifest itself in financial terms, though it may do so: serious harm for the purposes of this provision may also be established by proof that the effect of the libel was to cause others to shun the claimant, or that the claimant was caused serious injury to feelings, distress, hurt and/or humiliation.*" - Gatley, *ibid.* 2.6, pg. 41.

*serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself. It points to some historic harm, which is shown to have actually occurred. This is a proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had. It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were communicated. The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused.*[6]

Dak li ġie ritenut u stabbilit f'din id-deċiżjoni huwa li mhux biżżejjed, wara l-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja (u telf finanzjarju serju f'każ ta' korp li jopera għal profitt), li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit biss b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Jeħtieġ addizzjonalment, għas-suċċess tal-azzjoni, li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[7].

Skont Duncan and Neil On Defamation, "*there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ...* "[8]

Il-Qorti sejra għalhekk tibda biex tistabbilixxi x'inhuma l-imputazzjonijiet li jitnisslu minn qari tal-pubblikazzjoni u jekk dawk l-imputazzjonijiet humiex gravi u għandhomx tifsira diffamatorja.

---

[6] Paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et.**

[7] Ibid. para. 21 tad-deċiżjoni.

[8] Duncan and Neil on Defamation - page 34 (p. 4.08).

L-istqarrijiet li jikkostitwixxu l-fehma tal-konvenut kif iddikjarat fil-pubblikazzjoni impunjata, huma ċari u ma tantx iħallu lok għal xi ekwivoku dwar it-tifsira tagħhom. L-imputazzjonijiet li jitnisslu minn qari ta' dawk l-istqarrijiet u li jinftiehmu minnufih u mingħahr ebda diffikolta' mill-qarrej ordinarju u raġjonevoli huma illi l-attur, Charles Azzopardi, huwa imbruljun, midjun u għażżien li jmexxi n-negozju tiegħu b'mod frawdolenti. Imputazzjonijiet li huma inerentement diffamatorji għaliex jikkostitwixxu attakk fuq il-karattru morali tal-attur b'asserzjonijiet dwar kondotta ħażina u illegali.

Huwa ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza in materja illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut f'attivita` illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[9], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[10], huma meqjusa bħala imputazzjonijiet li għandhom tifsira diffamatorja.

Stabbilit it-tifsira diffamatorja tal-imputazzjonijiet magħmula fil-pubblikazzjoni, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur hijiex sodisfatta bil-prova jew bl-inferenza ta' fatt li l-impatt tal-pubblikazzjoni kien wieħed ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

Skont Duncan and Neil, fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-rejazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet

[9] 6.10 p. 117.

[10] Fil-kaz celebri **Sim v. Stretch** - 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) - gie ritenut illi sabiex jigi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzojni li hi diffamatorja, irid jigi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally*".

ippubblikata, kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata, kif ukoll il-firxa tal-pubblikazzjoni, l-istatus tal-pubblikatur u x-xorta tal-udjenza[11].

Il-prova li l-pubblikazzjonijiet waslu għand u nqraw minn udjenza kbira ħafna, u jew li saru kummenti jew rejazzjonijiet negattivi fil-konfront tal-attur b'riferenza għall-istqarrijiet diffamatorji, tikkostitwixxi eżempju klassiku ta' inferenza ta' fatt li l-pubblikazzjoni kellha impatt ta' ħsara serja, jew il-potenzjal li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata.

Fid-deċiżjoni **Lachaux v. Independent Print Limited** ġie mistħarreġ l-ipotesi fejn, indipendentement mit-tifsira diffamatorja tal-kliem impunjati, il-kejl ta' ħsara reputazzjoni serja ma jintlaħaqx, per eżempju, fejn in-numru ta' persuni li lilhom ġiet ippubblikata l-allegat malafama tkun minima jew limitata ħafna u ma jiġix ippruvat illi din ġiet perkolata u li naqqset l-istima tal-persuna aggravata f'għajnejn persuni oħrajn.

Fil-każ **Yeo v. Times Newspapers Limited** (2015) EWHC 2132 QB, il-Qorti ġibdet inferenza li l-pubblikazzjoni ġiet moqrija minn numru suffiċjenti ta' qarrejja, mill-fatt illi din saret f'gazzetta nazzjonali b'ċirkolazzjoni sostanzjali u mill-fatt illi l-artikoli impunjati kienu ngħataw prominenza.[12] Warby J. qal hekk:-

"*The essential issues for determination at a trial, on the pleaded case as it stands, will be ... (b) is the number of such readers sufficient to make the publication on 23 June a real and substantial tort?*"

Madankollu, fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, indipendentement mit-tifsira inerentement diffamatorja tal-imputazzjonijiet li saru fil-pubblikazzjoni impunjata, l-istqarrija ma ġietx ippubblikata fuq mezz tal-midja tal-massa (*mass media*) ċioe' fuq gazzetta jew mezzi tradizzjonali tal-istampa jew fuq *online news portal* fejn l-aċċess

---

[11] On Defamation (2022 Ed.) 4.13, p. 35/36.

[12] Gatley, Second Supplement to the 12th Ed. (2017) - 7.3 p. 66/67.

għal midja bħal dawn m'huwiex limitat u fejn teżisti presunzjoni ta' ċirkolazzjoni u qari estensiv. Minħabba f'hekk, jinħtieġ li tinġieb prova konkreta tal-firxa tal-pubblikazzjoni biex jiġi stabbilit xi forma ta' impatt ta' ħsara reputazzjonali bbażat fuq il-fatt *ut sic* tal-pubblikazzjoni.

Il-Qorti tqis illi f'każ ta' pubblikazzjoni fuq mezz tal-midja soċjali, bħalma huwa Facebook, irid jiġi ppruvat – biex jiġi sodisfatt il-kriterju ta' ħsara serja - illi l-pubblikatur għandu udjenza estensiva, għaliex jekk ma jintweriex li l-istqarrijiet impunjati waslu għand numru kbir ta' qarrejja jew li rċevew numru konsiderevoli ta' *likes* jew *views* – ħaġa li tista' tkun indikattiva tal-livell tal-ħsara reputazzjonali - dan jista' jkun ostakolu għall-prova ta' ħsara serja lir-reputazzjoni u kwindi għas-suċċess tal-azzjoni. In mankanza ta' prova bħal din, il-Qorti ma tistax tinferixxi li d-dikjarazzjoni diffamatorja tkun naqqset l-istima tal-attur f'għajnejn numru kbir ta' persuni, jew tkun ġiet iċċirkolata fuq skala wiesa' biżżejjed biex tissostanzja l-allegazzjoni li l-attur sofra ħsara reputazzjonali sejra b'riżultat tal-pubblikazzjoni.

Gatley jgħid ukoll in propositu illi *"... a claim may fail not only because the imputation was not of sufficient gravity of itself to cause serious harm to reputation* ***but also because its publication was very limited and accordingly any harm to reputation was minimal****.*"[13]

Il-fatt illi numru żgħir ta' persuni raw il-materjal impunjat, m'huwiex biżżejjed biex jikkostitwixxi substrat ta' fatt li fuqu tista' titnissel inferenza ta' pubblikazzjoni li kkaġunat ħsara sejra lir-reputazzjoni[14]. Duncan and Neil[15] jiċċitaw id-deċiżjoni fil-każ

---

[13] *Ibid.* 2.6, note 56 (Second Cumulative Supplement to the Twelfth Edition), page 11. Enfasi tal-Qorti. Jgħid ukoll:- "*While it is the case at common law that substantial damages should be awarded even where on the evidence it is shown that the claimant has suffered limited damage or no damage at all, the requirement in s1(1) that serious harm to reputation be proved as a condition of actionability, means that cases were there is little tangible evidence or likelihood thereof will usually fail.*" – 2017 Second Supplement – 3.6 p. 23.

[14] Ara wkoll **Brady v. Norman** (2008) EWHC 2481 (QB). Skont Duncan and Neil (On Defamation): "*... an inference that publication has occurred may also arise in the case of some websites, depending, for example, on how well-established they are, and the nature of the material they carry.*"

[15] *Ibid.*

**Al Amoudi v. Brisard**, fejn il-High Court (EWHC) **ċaħdet** l-argoment illi l-fatt waħdu illi l-materjal impunjat tqiegħed fuq *website* li huwa aċċessibbli b'mod ġenerali, inissel presunzjoni *juris tantum* illi l-materjal ikun ġie pubblikat lil numru sostanzjali ta' persuni.

Din il-Qorti tagħmilha ċar li ma taqbilx ma' dak l-insenjament illi jqis illi sempliċement għaliex stqarrija tkun ġiet ippubblikata fuq Facebook jew fuq pjattaforma oħra tal-midja soċjali jew fuq sit elettroniku, dan il-fatt waħdu jnissel inferenza ta' pubblikazzjoni wiesa' u estensiva bl-istess mod li jista' jiġi inferit fil-każ ta' pubblikazzjoni li ssir f'gazzetta jew fuq *news portal elettroniku* fejn, kif rajna, teżisti presunzjoni ta' pubblikazzjoni lil udjenza sostanzjali. Hawnhekk ninsabu fil-kamp ċivili fejn il-kriterji għas-suċċess tal-azzjoni għandhom jiġu ppruvati mill-attur fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet. Għalhekk, mingħajr prova konkreta li tistabbilixxi fil-grad meħtieġ, prova ta' impatt ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, il-Qorti ma għandhiex tistrieħ fuq inferenzi ta' fatt li ma jkunux imsejsa fuq provi, u tistenna li tinġieb prova ta' fatt, inkluż inferenza ta' fatt, li l-konsegwenza tal-pubblikazzjoni impunjata kienet ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata jew li dik il-ħsara serja hija potenzjali. Wara kollox, in-normi ġenerali tal-liġi tad-diffamazzjoni japplikaw ugwalment għal pubblikazzjonijiet fuq Facebook u pjattaformi oħrajn ta' komunikazzjoni fuq midja soċjali, b'dan illi għandhom jinġiebu in sostenn tal-allegazzjoni dwar ħsara serja lir-reputazzjoni, provi tajbin biżżejjed biex juru li dan l-kriterju jkun sodisfatt għall-anqas fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

B'żieda ma' dan irid jingħad ukoll li l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, inkluż l-artikolu 3(4) tal-Att li jiddefinixxi x'tikkostitwixxi stqarrija diffamatorja, hija riproduzzjoni kważi *verbatim* tal-istatut Defamation Act, 2013 (UK) u għalhekk il-Qorti ma tistax twarrab għal kollox l-insenjament tal-Qrati Ingliżi b'rabta mal-liġi tad-diffamazzjoni kif ġiet kodifikata u riformata b'mod radikali permezz ta' dak l-istatut u l-interpretazzjoni tagħhom dwar il-kriterji, inter alia, tal-element tal-ħsara serja lir-reputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Applikat dan kollu għall-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur fil-kawża li għandha quddiemha, il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm mhux kontestat illi l-kumment tal-konvenut ġie pubblikat fuq Facebook, l-attur naqas milli jressaq provi ċari li jistabbilixxu l-identita' tal-profil fuq Facebook li fuqu saret il-pubblikazzjoni impunjata. Filwaqt li l-attur fl-Affidavit tiegħu xehed li l-kumment ġie pubblikat "*fuq facebook tas-Sur Gatt*", il-konvenut fl-Affidavit tiegħu iddikjara: "*qrajt li ta' Renovex kienu qed jippromwovu x-xogħolijiet li għamilt u dan ħassejt li ma kienx sew meta tqis li dawn kienu xogħolijiet li għalihom ma tħallastx.*" Imbagħad fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, il-konvenut ippreċiża illi wara li kien għadda xi żmien minn meta kellu xi jgħid mal-attur dwar l-appalt fin-Nunzjatura f'Tal-Virtu', l-attur kien tella' *post* fuq Facebook b'ritratt akkumpanjat bil-kliem: "*job done by our reliable team*", u hu wieġeb għal dak il-*post* bil-kumment li qed jiġi impunjat f'din il-kawża. Dan għall-Qorti jistabbilixxi li l-*post* tal-konvenut ġie pubblikat fuq il-profil fuq Facebook tal-attur innifsu jew tal-kumpannija tiegħu Renovex Turnkey Limited, u ma kienx *post* imtella' fuq il-paġna fuq Facebook tal-konvenut[16].

Għandu jingħad ukoll illi għalkemm ma jirriżultax li kien impossibbli jew diffiċli għall-attur biex iressaq provi biex jiġi stabbilit in-numru, il-klassi u jew l-identita' ta' persuni li kellhom aċċess għall-istqarrija impunjata jew li kienu jsegwu l-profil jew paġna fuq Facebook li fuqha ġew ippublikati, din il-prova ma nġabitx. B'mod speċifiku, l-attur ma ġabx prova tan-numru ta' persuni li lilhom ġie pubblikat il-*post* għaliex huma '*friends*' tal-profil li fuqu ġie pubblikat, jew in-numru ta' persuni li kellhom aċċess għall-*posts* li jittellgħu fuq dak il-profil u għalhekk setgħu potenzjalment qraw il-kumment tal-konvenut - provi bażiċi li indubbjament kienu disponibbli għall-attur iżda xorta waħda ma ressaqhomx. Ma hemm xejn lanqas fil-

---

[16] Din il-konklużjoni hija rinforzata mix-xhieda tal-konvenut in kontro-eżami meta, mistoqsi dwar "*friends*" tiegħu fuq Facebook, saħaq li l-ħbieb tiegħu fuq Facebook m'għandhomx x'jaqsmu ma' Charles Azzopardi u m'humiex "*friends*" tiegħu: "*il-ħbieb li naf jien ma jafhomx Charles Azzopardi*".

kopja stampata tal-pubblikazzjoni (Dok. A) – dokument li qajla jista' jinqala' minħabba l-kwalita' ħażina tal-kopja – li juri illi xi ħadd qara l-kumment tal-konvenut jew wieġeb jew irrejaġixxa b'xi mod għalih.

Huwa minnu li l-konvenut, in kontro-eżami, xehed illi fost il-ħbieb tiegħu fuq Facebook hemm diversi persuni li jaħdmu fis-settur tal-kostruzzjoni iżda kif ingħad qabel, ma jirriżultax illi dan il-*post* ġie pubblikat fuq il-paġna tiegħu fuq Facebook, iżda kollox indika illi ġie pubblikat fuq il-profil tal-kumpannija Renovex Turnkey Limited u ma ntweriex li l-*post* kien aċċessibbli lill-ħbieb tal-konvenut fuq Facebook.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur xehed illi b'konsegwenza tal-pubblikazzjoni tal-*post* tal-konvenut fuq Facebook, il-kumpannija tiegħu C. Azzopardi Construction Co. Ltd., tilfet opportunita' ta' appalt ġdid li kien qed jiġi negozjat mal-Kurja. Mark Barthet, impjegat tal-istess kumpannija tal-attur, ikkonferma fix-xhieda tiegħu illi kienu ħarġu stima tax-xogħolijiet li kienu qed jiġu diskussi mal-Kurja u għamlu wkoll xi tibdiliet fl-istima fuq talba tal-Kurja, iżda wara, il-Kurja ma għamlitx iktar kuntatt magħhom.

Madankollu, il-Qorti tosserva li mhux biss ma tressqitx prova tal-istima li suppost inħarġet lill-Kurja biex jiġi stabbilit xi xejra ta' ness ta' żmien bejn in-negozjati dwar l-appalt prospettiv u l-pubblikazzjoni impunjata, talli Mark Barthet xehed illi l-istima ngħatat lill-Kurja waqt li kien għadu qed jiġi eżegwit l-appalt fin-Nuzjatura A*post*olika f'Tal-Virtu'. Issa mill-kumpless tax-xhieda huwa stabbilit illi l-ewwel appalt, li kien jinkludi x-xogħol ta' tqegħid tal-madum li parti minnu kien sar mill-konvenut, kien qed jiġi eżegwit għall-ħabta tal-2021 u peress li l-Papa kien ser jirrisjedi fil-binja waqt iż-żjara tiegħu f'Malta f'April 2022, ix-xogħol kellu jitlesta qabel. Kemm hu hekk, id-dokumenti esebiti minn Michael Pace Ross[17] jistabbilixxu li

---

[17] Il-kont tax-xogħoijiet fuq il-bejt inkluż membrane, inħareġ f'Settembru 2021, bir-riċevuta fiskali relattiva għall-prezz tax-xogħolijiet kollha li saru mill-kumpannija tal-attur fin-Nunzjatura Apostolika, Tal-Virtu' tinħareġ mill-attur fid-29 ta' Settembru 2021 riferibbilment għall-ħlas li sar fid-29 ta' Ottubru 2021 (€46,063.37).

dawk ix-xogħolijiet li kellhom jitlestew b'urġenza fil-binja fejn kellu jirrisjedi l-Papa waqt iż-żjara tiegħu, kienu diġa' tlestew kollha sa Ottubru 2021, ċioe' tmien xhur qabel il-*post* tal-konvenut. Dan jeskludi l-ipotesi li l-appalt prospettiv li kien qed jiġi diskuss fiż-żmien meta kienu għadhom għaddejjin ix-xogħolijiet li kellhom jitlestew qabel iż-żjara tal-Papa, seta' ma mmaterjalizzax minħabba pubblikazzjoni li saret f'Ġunju 2022.

Jirriżulta wkoll li Michael Pace Ross xehed illi wara ż-żjara tal-Papa f'April 2022, kien hemm bżonn li jsiru iktar xogħolijiet fin-Nunzjatura, liema xogħolijiet ukoll ġew eżegwiti mill-kumpannija tal-attur, C. Azzopardi Construction Co. Ltd. Mid-dokumenti esebiti jirriżulta li dawn ix-xogħolijiet saru u tlestew għall-ħabta ta' Novembru 2022, diversi xhur wara ż-żjara tal-Papa u wara l-pubblikazzjoni tal-*post* impunjat f'Ġunju 2022[18]. Michael Pace Ross eskluda fix-xhieda tiegħu li wara li tlesta l-appalt mogħti lil C. Azzopardi Construction Co. Ltd l-Arċdijoċesi kien qed jipprospetta jqabbad kuntrattur biex jeżegwixxi iktar xogħolijiet fil-futur.

Kif taraha l-Qorti, dan kollu, magħdud, jista' jfisser biss illi mhux minnu l-allegazzjoni tal-attur li t-tieni appalt ma ngħatax lill-kumpannija tiegħu[19] jew inkella, id-diskussjonijiet dwar xi appalt ieħor separat kienu qed jiġu diskussi waqt ix-xogħolijiet li kienu saru għall-ħabta ta' Novembru 2022, diversi xhur wara l-pubblikazzjoni li saret mill-konvenut u wara li l-kumpannija tal-attur kienet diġa' ġiet ingaġġata mill-Kurja fuq appalt ieħor.

Iżda anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li l-attur irnexxielu jipprova li l-kumpannija C. Azzopardi Construction Co. Ltd. ġarrbet xi telf finanzjarju b'riżultat tal-pubblikazzjoni, il-Qorti ma tħossx li fil-każ in diżamina din il-prova hija daqshekk rilevanti għall-prova ta' ħsara lir-reputazzjoni personali tal-attur, iktar u iktar meta l-

[18] Il-valur tax-xogħolijiet li saru wara ż-żjara tal-Papa kien ta' €22,036.62 (repair works) u l-ħlas sar fil-11 ta' Novembru 2022.

[19] Tabilħaqq jirriżulta li C. Azzopardi Construction Co. Ltd. ingħatat appalt ieħor mill-Kurja wara ż-żjara tal-Papa.

imsemmija kumpannija ma ssemmiet imkien fil-pubblikazzjoni impunjata. Il-Qorti tfakkar li l-azzjoni għal malafama ġiet istitwita mill-attur Charles Azzopardi *de proprio*, mhux f'kapaċita' rappreżentattiva tal-kumpannija C. Azzopardi Construction Co. Ltd. jew Renovex Turnkey Limited, u l-azzjoni lanqas ġiet istitwita minn xi waħda jew oħra minn dawk il-kumpanniji nfushom. Għalhekk, anke jekk l-imputazzjonijiet ikkaġunaw xi impatt negattiv fuq in-negozju ta' xi waħda jew oħra mill-kumpanniji mmexxija mill-attur, il-fatt jibqa' li l-azzjoni għal malafama ġiet istitwita minnu personalment.

Il-Qorti tosserva wkoll illi fix-xhieda tiegħu l-attur baqa' ma semma assolutament xejn fir-rigward ta' xi impatt li l-pubblikazzjoni impunjata kellha fuq ir-reputazzjoni tiegħu - diversament mir-reputazzjoni tal-kumpannija tiegħu li taħdem fis-settur tal-kostruzzjoni - u baqa' ma fissirx b'mod konkret kif l-istqarrijiet impunjati ikkaġunaw jew jistgħu jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu fuq livell personali għajr illi xehed illi "*barra d-danni li soffrejt li tlift ix-xogħol, hemm danni morali ukoll għaliex jiena qalb għandi bħal ħaddieħor.*" L-attur ma ġab ebda prova kwalsiasi ta' fatt jew prova li tnissel inferenza ta' fatt li saret jew tista' ssir ħsara sejra lir-reputazzjoni tiegħu b'konsegwenza tal-pubblikazzjoni impunjata u l-proċess huwa kompletament sajjem minn provi fattwali sal-grad tal-probabbli dwar xi impatt ta' ħsara jew ħsara potenzjali lir-reputazzjoni personali tiegħu.

Il-Qorti tenfasizza illi f'kull każ, il-liġi teħtieġ prova mhux ta' ħsara kwalunkwi lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata iżda prova ta' ħsara li hija **serja**. Madankollu, fil-każ in diżamina ma taqbilx illi dan il-kriterju ġie sodisfatt bi provi kif imiss, u tqis illi l-allegazzjonijiet tal-attur fir-rigward baqgħu mhux sostanzjati, minkejja li ma jirriżultax li kien hemm xi ostakolu biex jinġiebu mqar provi bażiċi biex jagħtu fejda lill-allegazzjonijiet dwar l-impatt negattiv subit b'effett tal-pubblikazzjonijiet impunjati u l-firxa tal-pubblikazzjoni.

Huwa minnu illi l-konvenut ma ġab ebda prova kwalsiasi biex jipprovdi bażi fattwali in sostenn tal-linja difensjonali tiegħu li l-kumment impunjat għandu jitqies bħala *fair*

*comment* u l-Qorti ma riskontrat assolutament xejn fl-atti u fil-provi proċesswali li jmur biex jissostanzja l-allegazzjoni li l-attur huwa midjun jew imbruljun. Huwa wkoll evidenti li l-pubblikazzjoni saret b'mod fieragħ u biex jumilja lill-attur bħala vendikazzjoni tat-telf li seta' ġarrab il-konvenut bit-terminazzjoni tas-sub-appalt u bħala tali hija manifestazzjoni ta' abbuż tal-midja soċjali. Iżda l-prova tal-ħsara sejra lir-reputazzjoni dejjem tispetta lill-persuna aggravata preordinatament għal xi stħarriġ fil-fondatezza o meno tad-difiżi mqanqlin mill-imħarrek biex jilqa' għad-diffamazzjoni, għaliex hija meħtieġa għall-azzjonabbilita' tal-malafama. Tant hu hekk, mankanti dik il-prova, l-istqarrijiet impunjati ma jistgħux jitqiesu bħala diffamatorji, għalkemm dan ma jnaqqas xejn min-natura offensiva tal-*post*.

Għaldaqstant, billi hija nieqsa l-prova dwar il-kriterju fondamentali tal-azzjoni, ċioe' l-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni, il-pubblikazzjoni impunjata ma tistax titqies bħala diffamatorja għall-fini tal-artikolu 3(4) tal-Att,

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tiddikjara li l-pubblikazzjoni impunjata fir-Rikors m'hijiex diffamatorja fit-termini tal-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, tiċħad it-talba tal-attur CHARLES AZZOPARDI bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**